**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

L-Erbgħa 18 ta' Settembru 2019

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

**AĠENDA Numru 4**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 4 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 24 ta' Settembru 2019 fil-5:30pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

04.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
04.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
04.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
04.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
04.5 Rapporti;
04.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
04.7 Aġġornament dwar ix-xogħol minn Infrastruttura Malta fi Triq it-Tempesta;
04.8 Aġġudikazzjoni tat-Tender dwar Miżura 4.4 – Reconstruction of Rubble Walls in Qrendi (EAFRD) – QLC – DRRW 49/19;
04.9 Business Plan għall-ħames snin li ġejjin mill-Kunsill Lokali;
04.10 Il-format ta' kif jingħata Ġieħ il-Qrendi;
04.11 Il-Festival Agrarju tal-Patata 2020;
04.12 Il-ġbir tal-iskart bieb bieb u l-knis fil-lokalità tal-Qrendi;
04.13 Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ;
04.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
04.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tar-4 Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tlieta 24 ta' Settembru 2019 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fit-8pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR |
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja |
| Kunsilliera | Marion Parnis |
| Kunsillier | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

04.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

04.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

04.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

04.2.1 Il-Minuti tat-3 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Kunsillier Daniel Farrugia.

04.2.2 Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda l-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 04.3, 04.4 u 04.5 jiġu diskussi wara Minuta 04.13 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

04.6 **AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

04.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li fl-aħħar jiem irċieva telefonata mingħand il-kuntrattur Taljan sabiex jiltaqa' miegħu ħalli jiddiskutu t-triq 'il quddiem fil-proġett taċ-Ċentru Ċiviku.

04.6.2 Qal li kellu laqgħa flimkien mal-kuntrattur Taljan u bennej Malti, fejn dan il-bennej tkellem fuq il-fatt li huwa lest li jidħol għax-xogħol f'isem il-kumpanija Taljana.

04.6.3 Il-bennej spjega lis-Sindku li bħalissa qiegħed jaħdem bin-nies tiegħu fi

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

proġett tal-istess kumpanija f'San Vinċenz De Paule, u malli jlesti jġib lin-nies fuq il-proġett tal-Kunsill Lokali.

04.6.4 Is-Sindku qal li min-naħa tiegħu ċempel lil dan il-bennej illum sabiex jara meta ser jgħaddi l-proposta lill-Kunsill Lokali dwar kif ser jipproċedi x-xogħol, u dan wieġbu li qiegħed jistenna lill-kuntrattur Taljan sabiex jagħtina l-Performance Guarantee li hemm bżonn sabiex jitkompla dan il-proġett.

04.6.5 Żied li jekk il-Kunsill Lokali jaċċetta li jimxi fuq din il-proposta, allura rridu nistennew madwar xahar ieħor sabiex jinbeda x-xogħol għaliex bħalissa għadhom qed jiffinalizzaw il-proġett ta' San Vinċenz de Paule.

04.6.6 Spjega kif apparti din il-proposta, hemm ukoll il-proposta li terġa' tinħareġ is-sejħa għall-offerti għal dan il-proġett, u dan probabbli jfisser li l-ewwel nett jista' jkollna prezzijiet aktar għolja, u t-tieni li min ikun l-irħas mhux bilfors ikun l-aqwa alternattiva vijabbli f'dan il-proċess.

04.6.7 Is-Sindku kompla li forsi ssir laqgħa mal-kuntrattur, li għaliha jkunu preżenti l-Perit u l-Avukat tal-Kunsill Lokali, kif ukoll xi membri rappreżentanti tal-istess Kunsill Lokali.

## 04.7 AĠĠORNAMENT DWAR IX-XOGHOL MINN INFRASTRUTTURA MALTA FI TRIQ IT-TEMPESTA

04.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li saret laqgħa mal-Periti David Vassallo u Graziella Galea fejn fiha tkellmu dwar diversi temi relatati ma' din it-triq.

04.7.2 Qal li d-diskussjoni kienet dwar iż-żona ta' Misraħ il-Maqluba kantuniera ma' Triq it-Tempesta, kif ukoll tal-parti ta' fuq Misraħ il-Maqluba li fil-preżent għadha triq bla isem.

04.7.3 Tkellmu wkoll dwar iż-żona ta' Triq San Ġwakkin kantuniera ma' Triq it-Tempesta minħabba li fil-preżent hija perikoluża ħafna.

04.7.4 Id-diskussjoni kienet ukoll dwar il-bus shelters, b'mod speċjali dak li

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

hemm fi Triq it-Tempesta kantuniera ma' Triq il-Warda.

04.7.5 Is-Sindku spjega li Transport Malta qabdu u qalgħu dan il-bus shelter mingħajr ma tkellmu ma' ħadd, u bħalissa hemm stage temporanju mingħajr bus shelter.

04.7.6 Qal li Infrastruttura Malta qegħdin jieħdu ħsieb li jagħmlu lay-by fejn hemm il-bus shelters filwaqt li l-kumpanija Faces Ltd ser tieħu ħsieb id-DNO mal-Awtorità tal-Ippjanar.

04.7.7 Barra minn hekk, tkellem dwar xi siġar li kellhom jinqalgħu biex tinfetaħ is-service road.

04.7.8 Qal li dawk li ser jinqalgħu ser jerġgħu jitħawlu fiż-żona ta' San Niklaw, imma għalissa qegħdin jistennew li jitnaddaf San Niklaw qabel jittieħdu dawn is-siġar.

## 04.8 <u>**AĠĠUDIKAZZJONI TAT-TENDER DWAR MIŻURA 4.4 – RECONSTRUCTION OF RUBBLE WALLS IN QRENDI (EAFRD) – QLC – DDRW 49/19**</u>

04.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li wara l-ewwel laqgħa tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni kien hemm bżonn li tintalab kjarifika minn wieħed mill-bidders u issa qegħdin nistennew li jerġa' jitlaqqa' l-Bord sabiex inkunu nistgħu nmexxu.

04.8.2 Qal li minn kif qegħdin jindikaw il-prezzijiet, l-irħas offerta hija ta' kumpanija Taljana differenti minn dik li bħalissa qiegħda tieħu ħsieb il-bini taċ-Ċentru Ċiviku.

04.8.3 Żied li l-Kunsill Lokali għandu jikkomunika ma' din il-kumpanija Taljana sabiex niċċekkjaw xi proġetti simili għamlu u jekk għandhomx il-potenzjal biżżejjed sabiex jagħmlu dawn ix-xogħolijiet.

04.8.4 Id-deċiżjoni finali dwar din is-sejħa għandha tittieħed mill-Kunsill Lokali fil-laqgħa li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 04.9 BUSINESS PLAN GĦALL-ĦAMES SNIN LI ĠEJJIN MILL-KUNSILL LOKALI

04.9.1 Is-Sindku David Schembri qal li bħala Kunsill Lokali ġdid, irid isir business plan għall-ħames snin, imsejjes fuq il-wegħdiet elettorali li saru qabel l-elezzjoni ta' Mejju li għadda, kif ukoll li jinkludi fih it-triq 'il quddiem għal-lokalità tagħna.

04.9.2 Qal li jkun għaqli jekk minn issa sal-2024, il-Kunsill Lokali jiffoka fuq proġetti maġġuri kull sena, imbagħad ikun hemm proġetti oħra li jieħdu aktar fit-tul u li dawn jistgħu jsiru fuq perjodu ta' ħames snin.

04.9.3 Is-Sindku ppropona li fis-sena 2020, il-Kunsill Lokali għandu jiffoka dwar il-bdil tat-tabelli u l-manutenzjoni tas-sinjali tat-toroq. Fisser kif għalkemm dan l-eżerċizzju nbeda mis-sena li għaddiet, xorta waħda fadal ħafna xi jsir u s-sena d-dieħla għandha tkun is-sena fejn naraw bidla essenzjali fit-tabelli tal-lokalità.

04.9.4 Fis-sena 2021 – l-attenzjoni tkun aktar fuq Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena, sabiex jiġi msebbaħ. Qal li fil-preżent għaddej ix-xogħol ta' restawr fuq is-Santwarju, filwaqt li l-Kunsill Lokali wasal biex jibda l-proġett tat-tisbiħ tal-ħitan tas-sejjieħ. Ġaladarba dawn ikunu lesti, allura l-Kunsill Lokali jkun jista' jitfa' l-attenzjoni kollha tiegħu fuq il-proġett ta' tisbiħ tal-Misraħ li diġa' għandna l-permessi kollha meħtieġa mill-Awtorità tal-Ippjanar.

04.9.5 Fis-snin 2022 u 2023 – l-attenzjoni tintefa' aktar fuq iċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid, fejn dan probabilment ikun tlesta mill-bini u allura nkunu rridu nimlewh u nwasslu l-proġett fil-konklużjoni tiegħu. Is-Sindku qal li dan ma jfissirx li ser nagħtu biss kas il-proġett matul dawn is-sentejn, għaliex minn issa sal-2022 żgur li ser ikun hemm żviluppi sostanzjali, imma f'dawk is-sentejn in-nefqa tal-Kunsill Lokali għandha tkun immirata fuq dal-proġett.

04.9.6 Fis-sena 2024 il-Kunsill Lokali għandu jagħmel ċert li l-proġetti kollha mfassla u ppjanati jew ikunu tlestew jew inkella jkunu waslu fil-fażi finali tagħhom u dan minħabba li dik tkun is-sena fejn terġa' ssir l-elezzjoni tal-Kunsill Lokali f'Mejju.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

04.9.7 Il-Kunsillier Charles Zerafa staqsa jekk hemmx il-ħsieb li jiġu msebbħa l-pjazez tal-lokal.

04.9.7.1 Is-Sindku wieġeb li dwar Triq Rokku Buhagiar jidher li l-Gvern Ċentrali ma jixtiqx li jerġa' jaqla' l-pjazza kollha u allura qegħdin jippruvaw jirranġaw bl-aħjar mod li jistgħu. Dwar pjazez oħra s-Sindku qal li kemm Misraħ Santa Marija u anke Misraħ San Mattew jinsabu fi stat tajjeb u Misraħ il-Maqluba tlesta ftit tas-snin ilu.

04.9.8 Il-Kunsillier Charles Zerafa staqsa dwar il-proġett tal-isqaqien u x'inhu l-pjan tal-Kunsill Lokali matul dawn il-ħames snin.

04.9.8.1 Is-Sindku wieġeb li Sqaq Nru 2 fi Triq San Nikola, Sqaq Nru 1 u Sqaq Nru 3 fi Triq it-Torri, flimkien ma' Sqaq Nru 1 u Sqaq Nru 2 fi Triq is-Salvatur jinsabu fil-proċess li jinbdew ix-xogħolijiet fihom u sal-lum stess konna qegħdin nitkellmu mal-Water Services Corporation sabiex joħorġulna l-LA ħalli nkunu nistgħu nibdew.

04.9.9 Is-Sindku ppropona l-business plan għall-ħames snin li ġejjin, bil-Kunsillier Daniel Farrugia jissekonda. Il-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 04.10 <u>IL-FORMAT TA' KIF JINGĦATA ĠIEĦ IL-QRENDI</u>

04.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li wara li żewġ laqgħat ilu tqajmet din id-diskussjoni, issa jistenna li jinħarġu proposti konkreti sabiex il-format ikun wieħed aħjar milli kien.

04.10.2 Il-Viċi Sindku ppropona li l-marki għandhom jinqasmu, nofs ikunu tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u nofs tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

04.10.3 Saret diskussjoni wiesgħa dwar kif kienu qegħdin jingħataw il-punti fl-aħħar snin, kif ukoll ġie diskuss kemm-il persuna tista' tieħu Ġieħ il-Qrendi f'sena waħda, u jekk persuni li jkunu ħallewna għall-ħajja ta' dejjem għandhomx ikunu nominati.

04.10.4 Għalkemm mid-diskussjoni li saret ma kien hemm xejn konklussiv, din

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

il-materja ser tkompli tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Lokali.

## 04.11 IL-FESTIVAL AGRARJU TAL-PATATA 2020

04.11.1 Is-Sindku David Schembri qal li kienet prassi li l-Viċi Sindku jieħu ħsieb il-Festival Agrajru tal-Patata flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali.

04.11.2 Qal li jixtieq li dan jerġa' jittella' s-sena d-dieħla wara li din is-sena ma sarx minħabba l-Elezzjoni tal-Parlament Ewropew u l-Kunsilli Lokali.

## 04.12 IL-ĠBIR TAL-ISKART BIEB BIEB U L-KNIS FIL-LOKALITÀ TAL-QRENDI

04.12.1 Is-Sindku David Schembri qal li fil-preżent m'aħniex immorru tajjeb bil-kuntratti tal-ġbir tal-iskart u l-knis.

04.12.2 Qal li dawn il-kuntratti huma tal-istess kumpanija u għalhekk qegħdin ikunu diskussi flimkien.

04.12.3 Spjega kif mhux darba jew tnejn jitħallew il-boroż quddiem il-bibien tan-nies, jew inkella ma jinġabarx l-iskart minn triq sħiħa.

04.12.4 Anke fil-knis, qiegħed ikollna problemi minħabba li l-knis mhux isir f'kull triq darba fil-ġimgħa.

04.12.5 Is-Sindku tkellem dwar is-sitwazzjoni li nqalgħet fi tmiem il-ġimgħa li għaddiet f'Misraħ il-Maqluba, fejn dan il-kuntrattur kellu jniżżel tnax (12)-il bin minħabba l-Fiera ta' San Mattew, u għalkemm għednielu l-Ħamis biex iniżżilhom l-għada l-Ġimgħa, sas-Sibt waranofsinhar baqgħu ma tniżżlux.

04.12.6 Bħala Kunsill Lokali kellna naġixxu immedjatament, u għaldaqstant qabbadna servizz t'emerġenza biex inġibu tankijiet oħra mingħand kuntrattur ieħor, u li fortunatament qdiena fi ftit ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

04.12.7 Is-Sindku ppropona li uffiċjalment għandna niktbu lil dan il-kuntrattur sabiex jew immedjatament is-servizz jitranġa, inkella mhux se jħallielna triq oħra ħlief li nitterminaw il-kuntratt.

## 04.13 AMBAXXATUR LOKALI TAŻ-ŻGHAŻAGH

04.13.1 Is-Sindku David Schembri qal li rċevejna risposta mingħand id-Direttur għall-Gvern Lokali li huwa sta għall-Kunsill Lokali jekk jaħtarx Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ jew le.

04.13.2 Il-Kunsillier Charles Zerafa ppropona li għandna naħtru lis-Sur Gabriel Camilleri bħala Ambaxxatur taż-Żgħażagħ.

04.13.3 Il-Kunsilliera Marion Parnis issekondat din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 04.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

04.3.1 Is-Sindku David Schembri qal li fil-bidu ta' Novembru ser tiġi mtellgħa l-Fiera tal-Ktieb u għal din l-attività ġiet mistiedna l-Imħallef Rosemarie Aquilina.

04.3.1.1 Qal li din l-Imħallef kienet ingħatat Onorofiċenza mill-Kunsill Lokali wara l-każ li kellha ta' Nasser, u dan minħabba li hija mill-Qrendi u marret tgħix l-Istati Uniti snin ilu.

04.3.1.2 Spjega kif qegħdin nagħmlu l-arranġamenti meħtieġa sabiex niltaqgħu mal-Imħallef Aquilina meta tkun f'pajjiżna u nippreżentawlha l-Onorifiċenza.

04.3.2 Is-Sindku tkellem dwar Torri Xutu u qal li nhar il-Ġimgħa li ġej ser issir Open Cinema u ser juru films qosra.

04.3.2.1 Qal ukoll li fil-5 t'Ottubru ser isir re-enactment tal-Kavallieri qrib l-istess Torri.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

04.3.3 Is-Sindku tkellem dwar il-ktieb "Il-Kult Marjan" u qal li dan ġie mniedi fit-13 ta' Settembru li għadda.

04.3.4 Is-Sindku tkellem dwar sessjonijiet tal-Anzjanità Attiva.

04.3.4.1 Qal li tkellem mas-Sa Cynthia Formosa dwar dawn is-sessjonijiet u attivitajiet li jistgħu jsiru.

04.3.5 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li kellu mas-Sur Joseph Lia u wera x-xewqa li jorganizza kunċert fil-Kappella ta' San Mattew fl-1 ta' Diċembru li ġej.

04.3.5.1 Il-ħsieb hu li dan ikun organ recital u jġib mużiċisti rinomati sabiex jieħdu sehem.

04.3.5.2 Is-Sindku qal li l-ispiża għal dan il-kunċert ser tkun ta' €2,900, imma nistgħu nidħlu fi ftehim mas-Sur Lia fejn il-Kunsill Lokali joħroġ biss €1,160, jiġifieri 40%.

04.3.5.3 Barra minn hekk, il-Kunsill Lokali ser ikollu 50% tas-siġġijiet għad-dsipożizzjoni tiegħu, u dan sabiex ikun jista' jagħti biljetti kumplimentari lil min jixtieq jistieden.

04.3.5.4 Is-Sindku qal li jekk kemm-il darba l-Kunsill Lokali japprova, irridu naraw jekk isirx fil-Kappella ta' San Mattew jew inkella fil-Knisja Parrokjali, għax fil-kappella joqgħodu biss mitt (100) persuna.

04.3.5.5 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill Lokali għandu jidħol għal din l-attività u l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda.

04.3.6 Is-Sindku tkellem dwar il-fondi mir-Reġjun tan-Nofsinhar u qal li hemm €2,500 x'jingħataw fost l-oħrajn.

04.3.6.1 Spjega li diġa' bgħattna korrispondenza liż-żewġ soċjetajiet mużikali u tajnihom sat-30 ta' Settembru sabiex iwieġbu għall-proposta tal-Kunsill Lokali li jingħataw €1,000 jekk jorganizzaw attività kulturali sal-aħħar ta' din is-sena.

04.3.6.2 Qal li s'issa rċevejna risposta mingħand is-Soċjetà Mużikali Santa

Marija, u għadna qed nistennew risposta mingħand is-Soċjetà Filarmonika Lourdes.

04.3.7 Is-Sindku tkellem dwar il-Mobility Week u qal li ħdimna mal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi minħabba l-e-bikes.

04.3.7.1 Qal li sfortunatament l-applikazzjoni tagħna ma ġietx aċċettata u għaldaqstant mhux se nieħdu sehem f'din il-ġimgħa ta' mobilità.

04.3.8 Is-Sindku tkellem dwar il-problema kbira li għandna fi Triq il-Ġwiewel.

04.3.8.1 Qal li mindu sid ta' barriera għalaq id-dħul tal-ilma u twessgħet ftit it-triq, kull darba li tagħmel ix-xita u jgħaddu t-trakkijiet qiegħda ċċedi.

04.3.8.2 Spjega kif diġa' pruvajna nirranġawha u nsibu soluzzjoni madwar erba' darbiet, imma kull darba dak li nagħmlu qiegħed isirilna suf.

04.3.8.3 Żied li diġa' tkellimna mal-Perit tal-Kunsill Lokali biex jew isir xi tip ta' gutter li jiġi jiswa ħafna flus, inkella li forsi t-triq tinqaleb lejn Triq iż-Żurrieq, soluzzjoni li xorta waħda mhijiex daqshekk faċli.

04.3.9 Is-Sindku tkellem dwar it-tismija tat-toroq.

04.3.9.1 Qal li qiegħed ikollna problema fit-tismija tat-toroq u fin-numri tal-bibien ta' barra.

04.3.9.2 Spjega kif waħda minn dawn il-problemi hija Triq San Mattew li sal-lum tibqa' sejra sal-Kappella tal-Madonna tal-Grazzja, meta fil-verità din suppost tieqaf sal-ħarruba.

04.3.9.3 Triq oħra hija Triq Ħaġar Qim, għaliex ir-residenti li joqgħodu fiha kellhom l-indirizz tagħhom fi Triq Bali Guarena, u bħalissa l-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq qiegħed jipprova jirregolarizza kollox.

04.3.9.4 Biex dawn it-toroq jiġu regolarizzati jrid jinħareġ l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, imbagħad ir-residenti jridu jagħmlu ċert li jibdlu l-indirizzi tagħhom.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

04.3.9.5 Is-Sindku qal li l-biċċa li llum hija Triq San Mattew mill-ħarruba sal-Kappella tal-Madonna tal-Grazzja, ser tinbidel biex issir Triq tal-Grazzja.

04.3.10 Is-Sindku tkellem dwar l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali u qal li wasal iż-żmien li tiġi impjegata persuna full time, apparti l-Assistent Prinċipal u l-part time clerk li għandna bħalissa.

04.3.10.1 Ippropona li għandna nibdew il-proċess sabiex tiddaħħal persuna oħra fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

04.3.10.2 Il-Kunsilliera Marion Parnis issekondat u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

04.3.11 Is-Sindku tkellem dwar ittra anonima li waslet fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi, imma ħass li kellha titressaq waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

04.3.11.1 Spjega kif hemm din l-applikazzjoni li tittellgħa binja ta' ħames sulari, u bħala Kunsill Lokali għandna nagħmlu din ir-rappreżentazzjoni f'isem ir-residenti Qrendin.

## 04.4 <u>TWEĠIBIET GHALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI</u>

04.4.1 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja staqsa dwar toqba li hemm fi Triq Ġużeppi Muscat.

04.4.1.1 Is-Sindku wieġeb li resident partikolari għandu s-sistema tad-drenaġġ personali difettuża.

04.4.1.2 Qal li jidher li hemm żewġ postijiet fuq xulxin li huma mikrija, u allura r-responsabilità hija tal-inkwilin u mhux tal-Gvern jew entitajiet oħra.

04.4.1.3 Spjega kif tad-Drainage Department diġa' naddfu l-medda pubblika għax dik taqa' fir-responsabilità tagħhom, imma l-biċċa l-oħra jrid

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

jieħu ħsiebha l-inkwilini.

04.4.1.4 Jidher li tas-Sanità ser jiġu jiċċekkjaw dwar din it-tobqa, imma mill-informazzjoni li għandna jidher li ser jagħtu xahar ċans lill-inkwilini biex din tiġi rranġatha, inkella jittieħdu passi oħra legali.

04.4.2 Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-ħruġ tal-iskart fil-ġranet li mhux tagħhom.

04.4.2.1 Is-Sindku qal li din hija problema li nafu biha, biss qed insibu diffikultà kbira sabiex insibu soluzzjoni.

04.4.2.2 Qal li ġibna kwotazzjonijiet dwar kameras tas-sigurtà imma biex dawn isiru bil-panelli solari, jiġu jiswewna mal-€2,200 il-waħda.

04.4.3 Il-Viċi Sindku tkellem dwar Triq il-Knisja u qal jekk huwiex possibbli li fil-biċċa minn kantuniera ma' Triq il-Kbira u Triq il-Parroċċa jistax isir avviż sabiex ma jgħaddux trakkijiet kbar.

04.4.3.1 Is-Sindku wieġeb li rridu naraw min qed jagħmel din it-talba, għaliex inkunu rridu nwaħħlu t-tabelli mal-ħitan tad-djar biex din issir.

04.4.4 Il-Kunsilliera Marion Parnis tkellmet dwar l-iskema edukattiva li tagħti €1,000, u ssuġġeriet li jsir kors tal-First Aid jew/u Food Handling.

04.4.4.1 Ħa napplikaw għal dawn iż-żewġ korsijiet u niċċekkjaw dwar il-loġistika sabiex jiġu organizzati.

04.4.5 Il-Kunsillier Charles Zerafa tkellem dwar l-Aġenzija Żgħażagħ u l-fondi tal-EUPA, u qal li attenda għal laqgħa dwar kif jistgħu jsiru bdil taż-żgħażagħ ma' pajjiż ieħor.

04.4.5.1 Ippropona li jekk għandna nagħmlu xi ħaġa, għandna nippruvaw għal April 2020 jew Ottubru tal-istess sena.

04.4.6 Il-Kunsillier Charles Zerafa staqsa dwar il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ u qal li ser ikun qed jaħdem biex jipprova jitfassal wieħed sabiex ikunu parteċipi fih.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

04.4.7 Il-Kunsillier Daniel Farrugia tkellem dwar Triq il-15 t'Awwissu u qal li diġa' hemm bank fejn joqgħodu bilqiegħda n-nies u hemm min qed jistaqsi għal bank ieħor.

04.4.7.1 Is-Sindku wieġeb li ser niċċekkjaw jekk dan jistax isir jew le.

## 04.5 RAPPORTI

04.5.1 Ma kien hemm l-ebda rapport xi jsir mill-Kunsillieri preżenti.

## 04.14 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

04.14.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €23,955.68 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 08/19 u €102.62 skont il-*Petty Cash* Ref W/08.

04.14.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

04.14.3 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja u l-Kunsilliera Marion Parnis issekondaw din il-proposta.

04.14.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 04.15 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

04.15.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-8:30pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 24 t'Ottubru fil-5:30pm.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**